MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 494/2005

**Maltacom plc. ( C22334)**

**Vs**

**Central Asphalt Ltd. ( C23652)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sebgha liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm407.16), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati lill-proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta fuq hsarat fuq cables fi Triq il-Kbira, Mellieha fil-11 ta’ April, 2003 (GT3/2003/18 Inv. 12954) skond kopja ezebita u mmarkata bhala Dokument A;

Is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, izda baqet inadempjenti;

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet li t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda u dan peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-allegati hsarat ma gewx ikkagunati mis-socjeta’ attrici minhabba xi traskuragni da parti taghha, kif ukoll is-somma mitluba hija fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju hija esagerata u trid tigi gustifikata;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bi spejjes ghas-socjeta’ attrici;

Ra x-xhieda ta’ Victor Busuttil li huwa S.T.O. tas-socjeta’ attrici. Ighid li kienu ircevew applikazzjoni mis-socjeta’ konvenuta ghal habta tal-11 ta’ Novembru, 2002 sabiex jaghmlu xi xoghol il-Mellieha. Kien fil-11 ta’ April, 2003 li kien hemm hsara fil-cables taghhom. Irrizulta mill-impjegati tas-socjeta’ attrici li s-socjeta’ konvenuta kienet qed taghmel xi xoghol hemmhekk u kienu naqsu li jikkomunikaw mas-socjeta’ attrici sabiex isiru l-marki fejn ma setghux jahdmu;

Ra x-xhieda ta’ l-Inginier Alison Zammit li ezebiet prospett fejn spjegat li bhala labour costs kien hemm sitta minn nies li hadmu seba’ sieghat u nofs kull wiehed, hamsa hadmu hames sieghat u nofs u l-iehor hadem sitt sieghat. Tghid li kien hemm overtime ghaliex il-probabilita’ kienet li dakinhar kien hemm hafna xoghol u sabiex ma jdewwmux il-konsumatur kienu hadmu hekk;

Ra x-xhieda ta’ John Cauchi li huwa foreman tas-socjeta’ konvenuta li jispjega li bhala prassi qabel ma jibdew ix-xogholijiet jikkomunikaw mad-dipartimenti koncernati bhas-socjeta’ attrici Melita Cable, Enemalta. Ighid li ghal dan il-kaz kienu kkomunikaw mas-socjeta’ attrici u fil-fatt kien mar rapprezentant tal-Maltacom b’xi pjanti sabiex jindika fejn kienu jinstabu l-cables u kien immarkalu fejn kienu jinstabu l-cables. Ma kienx ghaddielu l-pjanti;

Jikkonferma li bhala xoghol dejjem segwew il-marki u jghid ukoll li x-xoghol dam sejjer ghal madwar sena u nofs u r-rapprezentant tal-Maltacom kien jitla' kuljum biex jaghmel il-marki ta' fejn kienu jinstabu l-cables u qatt ma kienu semmew li kien hemm xi hsarat;

Ighid li ilu jahdem bhala foreman ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Jikkonferma li kien ikun "on site" waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet u qabel ma sehhew l-hsarat ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien mar l-ahhar xi jumejn qabel. Kienu segwew il-marki fit-triq. Meta ntlaqat il-cable kien ikkomunika lil certu wiehed maghruf bhala l-"Billy," li generalment kien jigi hu biex jaghmel il-marki;

Ra x-xhieda ta' Carmel Azzopardi, maghruf ahjar bhala l-"Billy," li huwa impjegat bhala "overseer," mas-socjeta' attrici. Jispjega li xogholu jikkonsisti f'li jaghmel il-marki tal-cables fit-triq fejn ikunu ser isiru xi xogholijiet;

Ghall-habta ta' April, 2003, ighid li kien tela' l-Mellieha fejn kienet qed tahdem is-socjeta' attrici, u sa dak il-hin ma kienx ghamel il-marki tal-cables, izda meta mar fuq il-post sab li t-thaffir kien diga' sar. Kien tela' ghaliex kien sar rapport li kien sar xi hsara fil-cables u fejn kien hemm il-hsara ma kienux jirrizultaw il-marki ta' minn fejn kienu ghaddejjin il-cables;

Ix-xhud ighid li fil-perjodu in kwistjoni kellu hafna xoghol mas-socjeta' konvenuta, izda fuq ix-xoghol in kwistjoni ma kienx gie mghajjat biex jitla'. Jikkonferma ukoll li hu qatt ma naqas biex jitla' fuq il-post biex jaghmel il-marki, irid ikun jew marid jew li jkun gara xi incident li ma jattendix;

Azzopardi jghid li bhala prassi, s-socjeta' attrici tircievi fax, applikazzjoni u wara li johrog il-permess ighaddulu l-file sabiex jikkomunika mal-kuntrattur biex tigi ffissata l-gurnata li fiha jsiru l-marki, generalment gurnata qabel ma jibdew ix-xogholijiet;

Wara li jibdew ix-xogholijiet, ix-xhud jispjega li jkollu jitla' kuljum sakemm jitlestew ix-xogholijiet, izda mhux obbligat li jibqa' hemm il-hin kollu;

Fil-kaz, in kwistjoni, is-socjeta' attrici ma gietx mitluba taghmel il-marki, izda sar jaf biss dwar dan ix-xoghol meta nfurmawh li kien hemm xi hsara fil-cables, fil-gonta u dan waqt li kienet qed tithaffer trinka;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Bhal ma hi l-prassi fil-kazijiet bhal dawn, sabiex is-socjeta' konvenuta taghmel ix-xogholijiet fit-triq huwa rikjest li taghmel applikazzjoni mas-socjeta' attrici u mal-entitajiet u dipartimenti governattivi relatati sabiex jinhareg il-permess relattiv.

Jirrizulta fil-kaz in dezamina li s-socjeta' konvenuta kienet applikat ghal permess mas-socjeta' attrici ghal habta ta' Novembru, 2002, kif ukoll saret applikazzjoni mal-Awtorita' Dwar it-Trasport;

Il-permess tas-socjeta' konvenuta jgib in-numru 0973/02(a fol. 13 et sequitur), liema permess igib mieghu numru ta' kundizzjonijiet imposti mis-socjeta' attrici, li jidhru gew accettati mis-socjeta' konvenuta u ffirmati;

Klawsola 4 fl-istess "Conditions for Granting of Excavation Permits to Contractors," tikkontempla li "***The contractor is to contact Mr.V. Busuttil on phone and by fax at least three working days before starting any excavation work……"***

Aktar minn hekk, klawsola 6 tal-kundizzjonijiet tirrikjedi li l-kuntrattur ma jistax jibda x-xogholijiet qabel ma tintbaghat fax mis-socjeta' attrici tikkonferma d-dati li fihom jistghu jibdew ix-xogholijiet u wara li ssir "site survey" ma' xi impjegati tas-socjeta' attrici;

Jekk wahda mill-kundizzjonijiet li hemm mal-hrug tal-permess ma tigix onorata mill-kuntrattur, is-socjeta' attrici ghandha d-dritt :-

***"(i) to inspect the buried telecommunications infrastructure and re-instate the site at the contractor's expense***

***(ii) keep the contractor liable to all damages sustained by the company expenditure incurred as a result of the damage, lost revenue, liabilities incurred by Maltacom plc. due to service level agreements entered into with third parties and any other request for damages made to Maltacom plc resulting from the damages of action taken to remedy the damages caused by the contractor."***

Indubbjament il-Korporazzjoni attrici ma jista' jkollha ebda responsabbilita' diretta ghad-danni li hi stess soffriet fil-proprjeta' taghha, meta ntlaqtu xi cables, waqt li s-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel xi xogholijiet ghall-habta ta' April, 2003. Seta' kellha responsabbilita' indiretta li kieku hi kienet giet interessata fil-processar ta'l-applikazzjoni li suppost kellha ssir qabel beda l-iskavar u li kieku hi awtorizzat ix-xogholijiet minghajr id-debiti kawteli jew billi tat lil min esegwixxa x-xoghol informazzjoni skorretta;

F'dan il-kaz, l-impjegati tas-socjeta' attrici kollha inkkonfermaw l-istess verzjoni, u cioe' li s-socjeta' konvenuta naqset li tadotta l-procedura rikjesta minnha qabel ma tibda bit-thaffir u skavar. Ix-xhud maghruf bhala l-"Billy" jichad li qatt mar fuq il-post biex jaghmel xi marki, anzi kienet l-ewwel darba li nizel meta sar rapport fuq xi hsara li kienu garbu xi cables. It-thaffir kien sar meta sehhew il-hsarat;

Dan ix-xhud huwa kredibbli, apparti l-fatt li x-xhieda tieghu hija kkorroborata max-xhieda l-ohra prodotta mis-socjeta' attrici meta ighid li kellhom hafna xoghol mas-socjeta' konvenuta, pero' mill-file relattiv ma kienx irrizultalu li kien nizel fuq il-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet u dan

minhabba li s-socjeta' konvenuta qatt ma kienet infurmathom li kienet ser taghmel dan it-thaffir u skavar;

Fin-nuqqas ta' pre-avviz debitu tax-xogholijiet da parti tas-socjeta' konvenuta, l-Korporazzjoni attrici necessarjament trid titqies bhala li hi l-vittma ta' l-incident li soffriet id-danni u li bl-ebda mod ma kkontribwiet bl-agir taghha ghal-akkadut;

Fl-ahhar nett, in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u jrid jigi gustifikat, ghandu jigi rilevat li s-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda provi sabiex tissostanzja din l-eccezzjoni. Is-socjeta' attrici rnexxielha tipprova soddisfacentement li l-hsara li soffriet kienet minhabba negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta u l-istess hsara kellha tigi riparata;

Gie ukoll spjegat li kellhom jiddahhlu impjegati "overtime" minhabba li kien hemm hafna xoghol u sabiex il-hsara tigi rimedjata immedjatament sabiex in-nies ma jithallewx minghajr provvista telefonika ghal zmien twil;

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li din l-eccezzjoni giet mdghajjfa bit-tesi tas-socjeta' attrici;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm407.16), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici fuq hsarat fuq cables fi Triq il-Kbira, Mellieha fil-11 ta' April, 2003 (GT3/2003/18 Inv. 12954).

Bl-ispejjes u l-imghax mill-11 ta' April, 2003 ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------